**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 449 tad-19 ta' April 2021 dwar jekk xhud imsejjaħ quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jista' jagħżel li ma jixhedx**

Fis-Seduta 448 tal-14 ta' April 2021, wara l-ħin tal-mistoqsijiet, l- Onor. Beppe Fenech Adami, Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, qal:

> "Sur President, illum wara nofsinhar kellna laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi fejn kien mitlub biex jixhed quddiem dan il-Kumitat is-Sur Brian Tonna. Is-Sur Brian Tonna ngħata l-parir mill-avukat tiegħu biex għal kull mistoqsija li jiġi mistoqsi huwa jwieġeb li jagħżel li ma jweġibx.
>
> Għalhekk, Sur President, qed nitlob li s-Sedja tagħti *ruling* fuq id-dritt *o meno* li xhud, fi kwalunkwe istanza, jista' jagħżel li ma jixhedx. Għaliex qed ngħid hekk, Sur President? Jien nifhem u naf – u bħali taf is-Sedja – li kien hemm *rulings* ta' din il-Kamra u kien hemm ukoll sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, inkluż fl-istadju ta' appell, li daħlu f'dan il-punt. Min-naħa tiegħi bħala Chairperson ta' dan il-Kumitat jien irrelevajt illi filwaqt li xhud għandu d-dritt li jagħżel illi ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jinkriminawh u filwaqt li l-aktar sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell dwar il-materja fil-każ li fetaħ is-Sur Tancred Tabone strettament dwar dan il-każ, il-qorti ddeċidiet li xhud għandu dritt li ma jixhedx f'każijiet fejn ikun qed jinkrimina lilu nnifsu jew f'istanzi ta' mistoqsijiet li jsiru dwar materja li biha jkun akkużat huwa *sub judice* quddiem il-qrati tagħna.
>
> Irrid infakkar li jien irrelevajt, u l-Kumitat irreleva, li minn dak li nafu s'issa, li huwa fid-dominju pubbliku, nafu li s-Sur Tonna huwa akkużat fil-qrati tagħna bażikament b'reati konnessi mal-kwestjoni tat-*Times of Malta* u mal-kwestjoni ta' allegati abbużi fil-bejgħ tal-passaporti. Jien, u nifhem ukoll il-Membri tal-Kumitat, m'aħniex *aware* li hemm proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu dwar il-materja tal-Electrogas. Għalhekk m'aħniex *aware* li hemm xi każ kriminali pendenti fil-konfront tiegħu li huwa *sub judice* fuq reati konnessi mal-każ tal-Electrogas u allura, fil-fehma umli tal-Kumitat, is-Sur Tonna m'għandux dritt assolut li ma jweġibx però għandu dritt li ma jiġix f'istanzi li proprju rrelevat l-istess Qorti Kostituzzjonali.
>
> Għalhekk jien nitlob lill-Ispeaker biex jiggwida lill-Kumitat biex fil-laqgħat li ġejjin inkunu nistgħu nirregolaw il-pożizzjoni tagħna. Nirringrazzjak."

Hawnhekk is-Sedja rrispondiet illi kienet ser tara dak kollu li ntqal fil-Kumitat u t-talbiet li saru, u tagħti *ruling* f'seduta ulterjuri.

Is-Sedja tifhem li l-Onor. Beppe Fenech Adami kien qed jagħmel referenza għar-*ruling* li tat l-istess Sedja fis-Seduta 115 tat-3 ta' Frar 2014, liema r*uling* ġie kkontestat fil-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, inkluż fi stadju ta' appell.

L-Ordni Permanenti 120E li jwaqqaf l-istess Kumitat, jindika ċar il-poteri li għandu dan il-Kumitat, u ċjoè illi:

> "(a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubbliċi li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;"

"(b) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;

(c) li jeżamina l-kontijiet ta' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;

(d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-kumitat permanenti;

(e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta' dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;

(f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;

(g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta' qabel dan il-paragrafu; u

(h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus."

Effettivament, dan ir-rapport tal-Awditur Ġenerali dwar kuntratti mogħtija lill-Electrogas mill-Korporazzjoni Enemalta li qed jiddiskuti l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, jaqa' fl-ewwel subparagrafu tal-Ordni Permanenti hawn fuq ċitat.

Fir-*ruling* ċċitat mill-istess Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Beppe Fenech Adami, is-Sedja kienet qalet li l-poteri ta' dan il-Kumitat Permanenti huma *in linea* wkoll ma' dawk tal-Public Accounts Committee tal-House of Commons tar-Renju Unit. Fil-fatt f'dak ir-*ruling* s-Sedja ħasset il-ħtieġa li tirreferi għal paġna 847 tal-*Erskine May, Parliamentary Practice* dwar il-prinċipji li jħaddan u l-proċeduri li timxi magħhom l-istess Public Accounts Committee, fejn:

"*The committee is principally concerned with whether policy is carried out efficiently, effectively and economically, rather than with the merits of government policy. Its main functions are to see that public moneys are applied for the purposes prescribed by Parliament, that extravagance and waste are minimized and that sound financial practices are encouraged in estimating and contracting, and in administration generally. The committee has a particular duty to look at excess votes, the questions on which cannot be put under the provisions of Standing Order No 55(3) unless the committee has reported that it sees "no objection to the sums necessary be provided by excess vote. ...*

*The committee bases its work on reports by the Comptroller and Auditor General, presented to Parliament under the National Audit Act 1983, s9, together with those on the appropriation and other accounts laid before Parliament. The committee also considers memoranda submitted to it by the Comptroller and Auditor General (either on his own initiative or on response to requests made by the Committee), and Treasury Minutes containing the Government's observation on previous Committee reports. The Comptroller and Auditor General is required to take into account any proposals made*

*by the committee in determining his programme of economy, efficiency and effectiveness examinations. ...*

*The Comptroller and Auditor General attends all meetings and regularly appears ... as a witness .,, Other witnesses are normally the permanent secretaries of government departments, who (as accounting officers) have a direct and personal responsibility for their departments' expenditure...*

*The committee holds most of its meetings in public. ... The chair of the committee has to give his agreement to any motion for an Address to appoint a new Comptroller and Auditor General."*

Fir-*ruling* ċitat is-Sedja kienet għamlitha ċara li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandu jimxi mal-linji gwida għal xhieda quddiem l-istess Kumitat, bl-isem "*A Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives of Malta"*, li ġew maqbula fl-2011, fejn fil-preambolu tagħhom huwa ċar u sottolinjat li:

*"... the underlying principle must be that all protection afforded to witnesses under the Criminal Code CAP 9, the Code of Organisation and Civil Procedure CAP 12 and the Civil Code CAP 16, including protection from incrimination, shall be applicable to witnesses appearing before the Public Accounts Committee."*

Minn dan joħroġ li kull xhud m'għandux jiġi f'sitwazzjoni li jinkrimina ruħu b'domandi li jsirulu. Filfatt, skont l-istess linji gwida, suġġett għad-dritt li ma jinkriminax ruħu, meta jkun hemm xhud li jew hu stess, jew permezz tal-konsulent legali tiegħu, joġġezzjona għal xi domanda li tkun saritlu minn xi Membru tal-Kumitat, huwa jkun obbligat jirrispondi sakemm ma jkunx hemm xi Membru tal-Kumitat li jitlob li l-kwestjoni tal-ammissibilità tal-mistoqsija, tiġi riferuta lill-Ispeaker biex jiddeċiedi, liema deċiżjoni mbagħad tkun torbot lill-Kumitat. Għall-preċiżjoni ser nikkwota l-paragrafu 16 ta' dawn il-linji gwida:

*"Subject to guideline 19 below, if a Witness, personally, or through his/her legal counsel, objects to a question asked by an individual Committee member, he/she is obliged to reply unless any one Member requests that the issue of admissibility be referred to the Speaker for his/her decision which decision shall bind the Committee.*

*A witness who, subject to guideline 19 below, refuses to answer questions may be reported to the House."*

Fejn *guideline* 19 ċarament jgħid li:

*"No Witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her."*

Dan ifisser li filwaqt li xhud huwa mistenni li jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi huwa ma jistax jiġi mġiegħel iwieġeb domandi li jistgħu jinkriminawh.

Din il-pożizzjoni fil-konfront tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, kif deskritta fil-linji gwida tal-2011, hija differenti mill-pożizzjoni fil-House of Commons, li wkoll kif diġà spjegat f'*rulings* preċedenti, fejn fil-House of Commons:

*"A witness is bound to answer all questions which the committee sees fit to put to him, and cannot excuse himself, for example, on the ground that he may thereby subject himself to a civil action, or because he has taken an oath not to disclose the matter about which he is required to testify, or because the matter was a privileged communication to him, as where a solicitor is called upon to disclose the secrets of his client; or on the ground that he is advised by counsel that he cannot do so without incurring the risk of incriminating himself or exposing himself to a civil suit, or that it would prejudice him as defendant in litigation which is pending, some of which would be sufficient grounds of excuse in a court of law. Nor can a witness refuse to produce documents in his possession on the ground that, though in his possession, they are under the control of a client who has given him instructions not to disclose them without his express authority."*

Fl-istess ruling tal-2013, is-Sedja kienet innotat illi:

> "Filwaqt li s-sistema kif ġiet addottata u regolata minn din il-Kamra li għandha poter li tirregola l-proċedura tagħha, xhud jista' jingħata d-dritt li ma jweġibx jekk ikun se jinkrimina ruħu - għalkemm irid jingħad li dan isir f'ċerti kondizzjonijiet, kif diġà msemmi - fis-sistema Ingliża li din il-pożizzjoni mhijiex applikabbli.
>
> Irid jingħad ukoll li l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi la huwa tribunal u lanqas huwa qorti imma huwa kumitat li l-parametri tiegħu huma indikati b'mod ċar fl-Ordni Permanenti 120E, diġà ċċitat. Dan huwa Kumitat li jeżamina l-kontijiet tal-awtoritajiet statutorji,"

u allura b'hekk hemm ir-rapport tal-Awditur Ġenerali, f'dan il-każ fuq l-Electrogas,

> "inklużi organizzazzjonijiet parastatali li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament u jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus. Għalhekk dan mhuwiex kumitat li jwassal biex jinħarġu jew jiżdiedu xi akkużi lil xi xhud li forsi diġà jkun akkużat quddiem xi tribunal jew qorti."

Dan huwa l-punt kardinali li qiegħed jintalab dan ir-*ruling* dwaru. Dan qed ngħidu għaliex meta ngħata r-*ruling* iċċitat fil-konfront ta' diversi xhieda li ġew imsejħa biex jidhru quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar il-kwestjoni tal-iskandlu taż-żejt, peress illi saru diversi kawżi kostituzzjonali sabiex ix-xhieda mhux biss ma jweġbux domandi li sarulhom, imma saħansitra lanqas biss jidhru quddiem il-Kumitat.

Fl-istess ruling tal-2013, is-Sedja kienet sostniet ukoll illi minħabba l-fatt li l-kumitat ma jistax iwassal biex jinħarġu jew jiżdiedu xi akkużi lil xi xhud:

> "... il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi ma jistax jitqies bħala tribunal li jkun suġġett ta' dak li wieħed jistenna minn kull proċedura ġudizzjarja kif hija indikata fl-interpretazzjoni tal-artikolu 6, paragrafu (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-punt ġie dibattut diversi drabi mill-qrati tagħna u hemm lista ta' ġurisprudenza dwar dan il-punt, jiġifieri dwar jekk il-persuna li qed tixhed hix qed tagħmel dan quddiem tribunal kif definit taħt din il-Konvenzjoni jew le."

Is-Sedja tirrileva li b'segwitu ta' dan ir-ruling ċitat, kien hemm 14-il sentenza tal-qrati Maltin li fihom jiġu rilevati diversi punti interessanti, fosthom l-interpretazzjoni u l-applikabbiltà tal-linja gwida 16 u l-linja gwida 19 tal-2011 ċitati aktar kmieni. Minn dawn l-14-il sentenza, inkluż fi staju ta' appell, is-Sedja se tagħmel referenza mill-ewwel għal tliet sentenzi tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):

- Rikors 68 tal-2014, Francis Portelli u Anthony Cassar vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, deċiż fis-26 ta' Mejju 2016;
- Rikors 13 tal-2014, Frank Sammut kontra l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici, deċiż fis-26 ta' Mejju 2016; u
- Rikors 29 tal-2014, Tancred Tabone kontra l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi - u dan ukoll f'dak li jikkonċerna żamma ta' laqgħat fil-miftuħ u x-xandir tagħhom permezz tal-*video* u l-*audio* - deċiż fit-13 ta' Lulju 2020.

Il-punt kardinali ta' dawn ir-rikorsi u sentenzi kien dwar l-applikabbiltà ta' dawn il-linji gwida fil-konfront ta' xhieda akkużati b'reati kriminali fuq l-istess materja illi tkun qiegħda tiġi trattata mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Hawn is-Sedja tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Frank Sammut (Rikors 13 tal-2014), fejn fis-26 ta' Jannar 2018 il-Qorti tal-Appell kienet qalet illli:

> "35. Fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tar-rikorrent appellat dwar in-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Huma ma kkontestawx il-fatt li l-proċeduri msemmijin mhumiex intiżi sabiex issir xi determinazzjoni dwar xi dritt jew obbligu ċivili jew dwar imputazzjoni kriminali iżda huma proċeduri essenzjalment amministrattivi ta' natura investigattiva sabiex jiġu stabbiliti l-fatti anke jekk il-fatti stabbiliti jistgħu jagħtu lok eventwalment għal xi azzjoni minn awtoritajiet oħra. F'dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti fi Strażburgu rriteniet li jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fil-każ ta' informazzjoni ottenuta b'setgħat obbligatorji jkun jiddependi mill-użu li jsir minn dik l-informazzjoni fil-proċess.
>
> 36. Di fatti r-rikorrenti appellati ma jsostnux li l-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti jinkwadraw bħala proċeduri fid-determinazzjoni ta' dritt jew obbligu ċivili jew ta' imputazzjoni kriminali iżda jippretendu li għandhom id-dritt għas-silenzju u li ma jinkriminawx ruħhom unikament minħabba l-fatt li huma ġew akkużati fi proċeduri oħrajn quddiem qorti kriminali bir-reati hawn fuq imsemmijin. Ġaladarba ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni, din il-Qorti mhijiex ser tindaga *oltre* dwar in-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.
>
> 37. B'danakollu il-linja gwida 19 tipprovdi li "*No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her*" u għalhekk il-Linji Gwida nfushom, hi x'inhi n-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti, jagħtu lil kull x-xhud id-dritt li ma jiġix kostrett jinkrimina lilu nnifsu.".

Is-Sedja tinnota wkoll li f'din is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali fl-appell għamlitha ċara illi l-proċedura stabbilita quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi hija proċedura ta' natura investigattiva u għaldaqstant tinnota li:

"39. Ġia ġie stabbilit li proċeduri ta' natura investigattiva sabiex jiġu stabbliti l-fatti bħal dawk quddiem il-Kumitat Permanenti ma jinkwadrawx fi proċeduri għad-determiazzjoni ta' dritt jew obbligu ċivili jew ta' imputazzjoni kriminali. Il-Qorti fi Strażburgu, iżda, irriteniet li d-dritt kontra l-awtoinkriminazzjoni u d-dritt għas-silenzju li jinsiltu mid-dritt għal smigħ xieraq huma xorta waħda invokabbli mill-individwu fi proċeduri bħal dawn fejn kontestwalment mal-proċeduri msemmija jkunu qegħdin jittieħdu kontra tiegħu proċeduri tax-xorta li jaqgħu fil-parametri tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.".

Hawn allura l-Qorti kienet għamlet referenza u nkompli nikkwota:

"40. Hekk fil-każ Shannon v. United Kingdom [sentenza tal-2005] fejn l-applikant kien ġie msejjaħ biex jiġi intervistat minn investigaturi finanzjarji kien ġia ġie imputat mill-pulizija b'reati ta' *false accounting* u *conspiracy to defraud* il-Qorti rriteniet li:

"41. .... *the requirement for the applicant to attend an interview with financial investigators and to be compelled to answer questions in connection with events in respect of which he had already been charged with offences was not compatible with his right not to incriminate himself. There has therefore been a violation of Article 6 § 1 of the Convention.*".

Il-Qorti kompliet tiddelibera u nikkwota:

"41. Għaldaqstant, fil-proċeduri pendenti quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ir-rikorrenti għandhom id-drittijiet li ma jiġux kostretti jinkriminaw lilhom infushom **u** d-dritt tas-silenzju liema drittijiet, kif rajna, jiskaturixxu mid-dritt għal smigħ xieraq u dan *in vista* tal-fatt li kontestwalment mal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti hemm ukoll proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti dwar fatti li jidher huma jew jistgħu jkunu relevanti għall-indaġni li qiegħed jagħmel istess Kumitat."

Fis-sentenza li qed tikkwota s-Sedja jingħad b'mod ċar li kemm-il darba xhud ikun ukoll akkużat b'reat kriminali fuq l-istess materja li tkun qed tiġi trattata mill-Kumitati Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, huwa mhux biss għandu d-dritt li ma jweġibx għal domandi li jistgħu jinkriminawh, imma għandu dritt għas-silenzju totali. Infatti l-Qorti f'din is-sentenza kienet żiedet tgħid hekk:

"44. Dan ifisser li x-xhud għandu d-dritt li ma jiġix kostrett li jinkrimina ruħu iżda persuna imputata b'reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju u ċjoè li tibqa' siekta tant li "*The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused*". Għalhekk id-dritt ewlieni li għandha persuna akkużata hu li tibqa' siekta u d-dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha huwa intiż biex jassigura li d-dritt tal-akkużat għas-silenzju jiġi mħares.".

F'din is-sentenza s-Sedja nnotat ukoll li f'dak li għandu x'jaqsam mal-linji gwida, ġa ċitati, f'dan ir-*ruling* tal-2011 applikabbli għall-Kumitati Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, jipprovdu li fil-prinċipju l-persuna msejħa biex tixhed quddiem il-Kumitati Permanenti hija

obbligata li tixhed u għalhekk li ma tibqax siekta, u l-unika eċċezzjoni li tipprevedi hi li dik il-persuna ma tiġix kostretta twieġeb għad-domandi li jistgħu jinkriminawha. Dan ifisser li l-linji gwida inkwestjoni, meta persuna hija diġà akkużata, ma jurux li qed jipproteġu d-dritt tas-silenzju tal-persuna imputata b'reat kriminali.

Għalhekk, is-sentenza msemmija, li hija ripetuta f'diversi sentenzi oħra, inkluż dik ta' Tancred Tabone u anke ta' Francis Portelli, fejn il-*guidelines* li jimxi fuqhom il-Kumitati Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jibqgħu kif inhuma ħlief meta l-persuna li tkun qed tissejjaħ bħala xhud tkun diġà akkużata b'reati kriminali li ovvjament ikunu suġġett ta' dak li jkun qiegħed jiġi diskuss mill-istess Kumitat.

Is-Sedja ħasset ukoll il-ħtieġa li tara s-sentenza deċiża fit-13 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet Tancred Tabone kontra l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, Rikors 29 tal-2014, fejn hemmhekk ukoll ġie kontestat li waqt li xhud ikun quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u l-fatt li tkun qed issir it-trasmissjoni tal-istess Kumitat bħalma jsir fil-Kumitati kollha tal-Parlament sakemm ma jkunx hemm il-qbil bejn il-Membri illi l-Kumitat jiltaqa' b'mod privat u ma jkunx hemm ix-xandir tiegħu fuq il-mezzi tax-xandir bħalma jsir fuq it-televiżjoni u fuq l-internet eċċ., il-Qorti kienet iddeċidiet u qalet li:

> "Il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent minħabba l-fatt *per se* li s-seduti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jistgħu jiġu segwiti mill-pubbliku "*live*" b"mod awdjoviżiv minn fuq l-internet. Anke l-proċeduri ġudizzjarji, bi protezzjoni stess tal-akkużat, jinżammu miftuħa għall-pubbliku salvi każijiet eċċezzjonali. Il-leżjoni seħħet għaliex uffiċjal pubbliku ddikkjara pubblikament li huwa ma kellux dubju mill-ħtija tar-rikorrent meta l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-istess rikorrent għadhom pendenti.".

Għaldaqstant il-Qorti hawnhekk tat raġun lis-Sedja, f'dan il-każ kien appell mis-Sedja, meta sabet il-fatt illi l-Kumitat kellu u għandu jkompli jittrasmetti *live* l-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi waqt li jkun qed jisma' x-xhud jew xhieda quddiemu.

Hawnhekk is-Sedja tagħmel referenza wkoll għad-diskors tagħha fl-2018 fil-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno u nikkwota:

> "F'dan ir-rigward, inħoss li wasal iż-żmien li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jiġu riveduti għaliex ma jistax ikun li meta jiġi biex jiskrutinja l-użu korrett ta' fondi puliċi, il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi – kumitat importanti ħafna – jiġi mxekkel u ppreġudikat i proċeduri fil-qrati, u saħansitra 'sentenzi tal-qorti li ngħataw żmien wara li ntemmet il-leġiżlatura li matulha nqala' l-każ. Minarra r-rebiżjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, u tal-linji gwida rispettivi, iex naraw li dawn ikunu jirriflettu dak li jiġi deċiż fl-appell, għandna nħarsu wkoll lejn il-possibilita' li jsiru emendi fil-Kodiċi dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex xhieda li tingħata quddiem kumitat parlamentari, ma tkunx tista' titqies bħala evidenza quddiem tribunal jew qorti tal-ġustizzja."

**Is-Sedja hawn terġa' tirreferi għas-sentenzi ċitati u tinnota li fit-trattament tagħha l-Qorti rat u ssottolineat id-distinzjoni bejn xhud li jkun qiegħed imputat b'reat kriminali li għandu d-dritt għas-silenzju u xhud li ma jkunx hekk imputat li għandu wkoll dritt <u>mingħajr kwalifiki</u> li ma jiġix kostrett iwieġeb domandi li jistgħu jinkriminawh.**

F’dan ir-rigward is-Sedja ħasset il-ħtieġa li tagħmel ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta’ Mejju 2018 fl-ismijiet Tancred Tabone vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, Rikors 29 tal-2014. Fil-parti ta’ din is-sentenza fejn jingħad hekk:

> “Il-Qorti Kostituzzjonali, li kkonfermat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta għal dak li għandu x’jaqsam mal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, qalet proprju hekk fl-imsemmija kawżi ta’ Frank Sammut u Francis Portelli et:
>
> > “...
> > Fid-dawl tal-prinċipji premessi din il-Qorti hi msejħa tiddeċiedi fl-ewwel lok jekk il-Linji Gwida intestati *Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* humiex leżivi tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.
> >
> > Il-linja gwida 19 tal-isemmi Gwida kjarament u **mingħajr kwalifiki** jipprovdi li:
> >
> > > “*No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her*.”
> >
> > **Dan ifisser li x-xhud għandu d-dritt li ma jiġix kostrett li jinkrimina ruħu iżda persuna imputata b’reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju** u ċjoè li tibqa’ siekta tant li “*The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused*”. Għalhekk id-dritt ewlieni li għandha persuna akkużata hu li tibqa’ siekta u d- dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha huwa intiż biex jassigura li d-dritt tal-akkużat għas-silenzju jiġi mħares.

Fiċ-ċirkostanzi s-Sedja tara illi *in vista* ta’ dawn is-sentenzi li għamlet referenza għalihom kif ukoll sentenzi oħra li ma ħassitx li għandha tidħol fihom, li huma kollha fuq l-istess prinċipju u kollha marbuta mal-applikazzjoni *piu ò meno* tal-linji gwida 16 u 19, il-protezzjoni li għandha persuna li tissejjaħ bħala xhud li mhux talli ma tweġibx id-domandi imma li tibqa’ kompletament siekta, hija biss applikabbli meta l-persuna tkun akkużata b’reati kriminali in konnessjoni mal-istess suġġett illi jkun qiegħed jiġi diskuss.

Għandu jiġi kkjarifikat ukoll li *ai termini* tal-linja gwida 16, is-Sedja tista’ tiġi mitluba tiddeċiedi biss dwar l-ammissibilità ta’ dawk il-mistoqsijiet li x-xhud jagħżel li ma jweġibx, u dan meta jkun hemm ukoll oġġezzjoni għat-tqegħid ta’ tali mistoqsija minn xi Membru tal-Kumitat, u hawn ser nerġa’ nikkwota l-linja gwida 16 li jgħid illi:

> *“Subject to guideline 19 below, if a Witness, personally, or through his/her legal counsel, objects to a question asked by an individual Committee member, he/she is obliged to reply unless any one Member requests that the issue of admissibility be referred to the Speaker for his/her decision which decision shall bind the Committee.*

*A witness who, subject to guideline 19 below, refuses to answer questions may be reported to the House."*

Ladarba l-linja gwida 16 hija soġġetta għal linja gwida 19 li kif ingħad qabel, anke in linea mas-sentenzi li ngħataw fir-rigward, tagħti d-dritt lix-xhud li jirrifjuta **mingħajr kwalifiki** li jwieġeb għal domandi li jaħseb li jistgħu jinkriminawh, is-Sedja ma tistax tiġi mitluba tiddelibera dwar jekk mistoqsija għandhiex tiġi mwieġba jew le. Ir-rimedju għal din is-sitwazzjoni jinsab fl-istess linji gwida 16 fejn jingħad li – dejjem suġġett għal linja gwida 19 – xhud li jirrifjuta li jwieġeb mistoqsijiet magħmula lilu jista' jiġi rrapputat lill-Kamra.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li kull xhud li jiġi msejjaħ jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li ma jkollu l-ebda akkużi fil-konfront tiegħu in konnessjoni mal-materja li tkun qed tiġi trattata mill-istess Kumitat, għandu jitla' quddiem il-Kumitat biex jirrispondi għad-domandi li jsirulu iżda ma jistax jiġi kostrett jirrispondi dawk id-domandi li skont ix-xhud jew l-avukat tiegħu jistgħu jinkriminawh. Dan kif stabbilit bil-linji gwida tal-2011 fid-dawl tas-sentenzi fuq ċitati.

Ir-*ruling* huwa deċiż.